

# Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

**Isem tal-prodott:** WESSOCLEAN GOLD LINE

**Tip(i) ta' prodott:** TP 03 - Iġjene veterinarja

TP 03 - Iġjene veterinarja

TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-ġhalf

**Numru tal-awtorizzazzjoni:** EU-0029720-0000

**Numru ta' referenza tal-assi  
R4BP 3:** EU-0029720-0000

## Werrej

Informazzjoni Amministrattiva	1
1.1. Isem kummerċjali tal-prodott	1
1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni	1
1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali	1
1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)	1
2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott	2
2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali	2
2.2. Tip ta' formulazzjoni	2
3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni	2
4. Użu(ijiet) awtorizzati	3
5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu	11
5.1. Istruzzjonijiet għall-użu	12
5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju	12
5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent	14
5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu	14
5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin	15
6. Informazzjoni oħra	15

## Informazzjoni Amministrattiva

### 1.1. Isem kummerċjali tal-prodott

WESSOCLEAN GOLD LINE  
WESSOCLEAN AGRO PROTECT

### 1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni

<b>Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni</b>	Isem	WESSO AG
	Indirizz	Wacholderweg 6 90518 Altdorf b. Nürnberg Ġermanja
<b>Numru tal-awtorizzazzjoni</b>	EU-0029720-0000	
<b>Numru ta' referenza tal-assi R4BP 3</b>	EU-0029720-0000	
<b>Data tal-awtorizzazzjoni</b>	03/08/2023	
<b>Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni</b>	31/07/2033	

### 1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali

<b>Isem tal-manifattur</b>	WESSO AG
<b>Indirizz tal-manifattur</b>	Wacholderweg 6 90518 Altdorf b. Nürnberg Ġermanja
<b>Post ta' siti ta' manifattura</b>	Wacholderweg 6 90518 Altdorf b. Nürnberg Ġermanja

### 1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)

<b>Sustanza attiva</b>	1340 - Aċidu peraċetiku
<b>Isem tal-manifattur</b>	Evonik Resource Efficiency GmbH
<b>Indirizz tal-manifattur</b>	Postfach 1345 63403 Hanau Ġermanja
<b>Post ta 'siti ta' manifattura</b>	Evonik Peroxid GmbH, Industriestraße 11 9721 Weissenstein Awstrija

## 2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott

### 2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		Sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	0,03
etanol		Sustanza mhux attiva	64-17-5	200-578-6	1,61
propan-2-ol		Sustanza mhux attiva	67-63-0	200-661-7	2,52
perossidu tal-idroġenu		Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	3,15
aċidu aċetiku		Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	0,06
aċidu sulfuriku		Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	0,01

### 2.2. Tip ta' formulazzjoni

AL - Kwalunkwe likwidu ieħor
------------------------------

## 3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni

<b>Dikjarazzjonijiet dwar Periklu</b>	<p>Jista' jkun korrużiv għall-metalli.</p> <p>Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.</p> <p>Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.</p>
---------------------------------------	---

## Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzzjoni

<p>Żomm biss fl-imballaġġ oriġinali.</p> <p>Ahsej idejki sew wara li timmaniġġjah.</p> <p>Evita r-rilaxx fl-ambjent.</p> <p>Ilbes protezzjoni għall-ġhajnejn.</p> <p>JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Komplilaha.</p> <p>Jekk l-irritazzjoni ta' l-ġhajnejn tibqa': Ikkonsulta tabib.</p> <p>Assorbi t-tixrid biex tipprevjeni ħsara fil-materjal.</p> <p>Armi l-kontenut fi mpjant tar-rimi tal-iskart approvat skont ir-regolamenti nazzjonali.</p> <p>Armi il-kontenitur fi mpjant tar-rimi tal-iskart approvat skont ir-regolamenti nazzjonali.</p>
--

## 4. Użu(ijiet) awtorizzati

### 4.1 deskrizzjoni użu

#### Użu 1 - 1 –Diżinfekzjoni tal-bajd li jfaqqas f'temperatura tal-kamra fis-sieqja

<b>Tip ta' Prodott</b>	TP 03 - Iġjene veterinarja
<b>Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat</b>	-
<b>Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)</b>	<p>isem xjentifiku: Batterja isem komuni: Batterja istadju iżvilupp: -</p> <p>isem xjentifiku: Ħmira isem komuni: Ħmira istadju iżvilupp: -</p> <p>isem xjentifiku: fungi isem komuni: Fungi istadju iżvilupp: -</p>
<b>Qasam tal-użu</b>	Indoor  Fuq ġewwa Mqafas (sieqja), diżinfekzjoni ta' bajd li jfaqqas
<b>Metodu(i) ta' applikazzjoni</b>	Metodu: Sistema magħluqa: ħolqien ta' ċpar kiesaħ Deskrizzjoni dettaljata: -
<b>Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni</b>	Rata ta' Applikazzjoni: 1 litru tal-prodott mhux dilwit kull 15 m <sup>3</sup> (0,067 litru/m <sup>3</sup> ) tal-arja tal-kamra; daqs medjan tal-qtar ≤ 15 μm Dilwizzjoni (%): mhux dilwit Numru u ħin tal-applikazzjoni:

Dizinfazzjoni wara kull darba li jerġa' jimtela l-kompartiment tad-dizinfazzjoni bil-bajd

**Kategorija(i) tal-utenti**

professjonali

**Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ**

- Flixkun ta' 1 litru (Polietilen - PE)
- Landa ta' 20 litru (Polietilen ta' densità għolja - HDPE)
- Bittija ta' 220 litru (HDPE)
- Kontenitur Intermedju għal Kwantitajiet Kbar (IBC) ta' 1000 litru (PE)



#### 4.1.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

- 1) Irid jiġi distribwit 1 litru tal-prodott kull 15 m<sup>3</sup> (= 0,067 litre/m<sup>3</sup>) għal perjodu ta' mill-inqas 30 minuta. Il-ħin tal-kuntatt jibda meta l-volum totali meħtieġ tal-prodott (ara r-rata ta' applikazzjoni) jkun ġiet nebulizzat.  
  
Għal effikaċja kontra batterji, ħmejjer u fungi ħalli l-prodott jieħu effett f'20 °C għal ħin ta' kuntatt ta' 60 minuta. Wara, l-arja fil-kompartiment għandha tinbidel permezz ta' sistema tal-egżost.
- 2) Il-prodott huwa soluzzjoni lesta għall-użu.
- 3) Diżinfekzjoni wara kull darba li jerġa' jimtela l-kompartiment tad-diżinfekzjoni bil-bajd.
- 4) Għall-użu biss f'għeluq xott ta' 4 -150 m<sup>3</sup>.
- 5) Għandha titwettaq validazzjoni bijoloġika mill-utent tal-prodotti bijoċidali għal kull arranġament tal-kamra (inkluż pereżempju, il-bajd li jfaqqas, it-tagħmir) li jrid jiġi diżinfettat biċ-ċpar (jew f'kamra "standard" adatta f'faċilità, jekk applikabbli) bl-apparati li jridu

jintużaw għall-proċess ta' diżinfazzjoni, li warajha jista' jidwettaq protokoll għall-proċess ta' diżinfazzjoni f'dawn il-kmamar li jibqa' jintuża wara.

#### 4.1.2 Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### 4.1.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajjuna u miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### 4.1.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### 4.1.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

### 4.2 deskrizzjoni użu

#### Użu 2 - 2 – Diżinfazzjoni tal-bajd li jfaqqas f36 °C fil-mafqas

<b>Tip ta' Prodott</b>	TP 03 - Iġjene veterinarja
<b>Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat</b>	-
<b>Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)</b>	isem xjentifiku: Batterja isem komuni: Batterja istadju iżvilupp: -  isem xjentifiku: Ħmira isem komuni: Ħmira istadju iżvilupp: -  isem xjentifiku: fungi isem komuni: Fungi istadju iżvilupp: -
<b>Qasam tal-użu</b>	Indoor  Fuq ġewwa Mqafas (mafqas), diżinfazzjoni ta' bajd li jfaqqas



**Metodu(i) ta' applikazzjoni**

Metodu: Sistema magħluqa: ħolqien ta' ċpar kiesaħ  
Deskrizzjoni dettaljata:

-

**Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni**

Rata ta' Applikazzjoni: 1 litru tal-prodott mhux dilwit kull 15 m<sup>3</sup> (0,067 litru/m<sup>3</sup>) tal-arja tal-kamra; daqs medjan tal-qtar ≤ 15 µm  
Dilwizzjoni (%): mhux dilwit  
Numru u ħin tal-applikazzjoni:  
Diżinfezzjoni wara kull darba li jergħa' jimtela l-kompartiment tad-diżinfezzjoni bil-bajd.

**Kategorija(i) tal-utenti**

professionali

**Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ**

- Flixxun ta' 1 litru (PE)
- Landa ta' 20 litru (HDPE)
- Bittija ta' 220 litru (HDPE)
- Kontenitur IBC ta' 1000 litru (PE)



#### 4.2.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

1) Irid jiġi distribwit 1 litru tal-prodott kull 15 m<sup>3</sup> (= 0,067 litre/m<sup>3</sup>) għal perjodu ta' mill-inqas 30 minuta. Il-ħin tal-kuntatt jibda meta l-volum totali meħtieġ tal-prodott (ara r-rata ta' applikazzjoni) jkun ġie nebulizzat.

Għal effikaċja kontra batterji, ħmejjer u fungi ħalli l-prodott jieħu effett f'36 °C għal ħin ta' kuntatt ta' 60 minuta. Wara, l-arja fil-kompartiment għandha tinbidel permezz ta' sistema tal-egżost.

2) Il-prodott huwa soluzzjoni lesta għall-użu.

3) Diżinfekzjoni wara kull darba li jerġa' jimtela l-kompartiment tad-diżinfekzjoni bil-bajd.

4) Għall-użu biss f'għeluq xott ta' 4 -150 m<sup>3</sup>.

5) Għandha titwettaq validazzjoni bijoloġika mill-utent tal-prodotti bijoċidali għal kull arranġament tal-kamra (inkluż pereżempju, il-bajd li jfaqqas, it-tagħmir) li jrid jiġi diżinfettat biċ-ċpar (jew f'kamra "standard" adatta f'faċilità, jekk applikabbli) bl-apparati li jridu jintużaw għall-proċess ta' diżinfekzjoni, li warajha jista' jitwettaq protokoll għall-proċessi ta' diżinfekzjoni f'dawn il-kmamar li jibqa' jintuża wara.

#### 4.2.2 Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

**4.2.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

**4.2.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

**4.2.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

**4.3 deskrizzjoni użu**

**Użu 3 - 3 – Dizinfekzjoni tal-uċuħ fl-industrija tal-imballaġġ tal-ħxejjex, frott u pjanti permezz ta' diffużjoni fl-arja**

<b>Tip ta' Prodott</b>	TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-ġhalf
<b>Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat</b>	-
<b>Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)</b>	<p>isem xjentifiku: Batterja isem komuni: Batterja istadju iżvilupp: -</p> <p>isem xjentifiku: Ħmira isem komuni: Ħmira istadju iżvilupp: -</p> <p>isem xjentifiku: fungi isem komuni: Fungi istadju iżvilupp: -</p>
<b>Qasam tal-użu</b>	<p>Indoor</p> <p>Fuq ġewwa Għal uċuħ mhux porużi ta' tagħmir tat-trasport u tal-ħżin għal patata, frott, ħxejjex u pjanti mingħajr kuntatt dirett mal-patata, frott, ħxejjex jew pjanti</p>
<b>Metodu(i) ta' applikazzjoni</b>	<p>Metodu: Sistema magħluqa: ħolqien ta' ċpar kiesaħ</p> <p>Deskrizzjoni dettaljata: -</p>
<b>Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni</b>	<p>Rata ta 'Applikazzjoni: 40 ml tal-prodott kull 1 m<sup>3</sup> (0,04 litru/m<sup>3</sup>) tal-arja tal-kamra; daqs medjan tal-qtar ≤ 15 µm</p> <p>Dilwizzjoni (%): mhux dilwit</p> <p>Numru u ħin tal-applikazzjoni:</p>

	Dizinfazzjoni qabel ma jitpoġġew oġġetti ġodda fil-linja tal-imballaġġ
<b>Kategorija(i) tal-utenti</b>	professjonali
<b>Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ</b>	<p>Flixkun ta' 1 litru (PE)</p> <p>Landa ta' 20 litru (HDPE)</p> <p>Bittija ta' 220 litru (HDPE)</p> <p>Kontenitur IBC ta' 1000 litru (PE)</p>

#### 4.3.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

<p>1) Jiġi distribwit 40 litru tal-prodott lest għall-użu kull 1 m<sup>3</sup> tal-arja tal-kamra (= 0,04 litre/m<sup>3</sup>) għal perjodu ta' mill-inqas 30 minuta. Il-ħin tal-kuntatt jibda meta l-volum totali meħtieġ tal-prodott (ara r-rata ta' applikazzjoni) jkun ġie nebulizzat.</p>
--

Għal effikaċja kontra batterji, ħmejjer u fungi ħalli l-prodott jieħu effett fit-temperatura tal-kamra għal ħin ta' kuntatt ta' 30 minuta. Wara, il-kamra tiġi vventilata b'mod intensiv.

- 2) Il-prodott huwa soluzzjoni lesta għall-użu li m'għandhiex tiġi dilwita bl-ilma.
- 3) Dizinfekzjoni qabel ma jitpoġġew oġġetti ġodda fil-linja tal-imballaġġ.
- 4) Għall-użu biss f'għeluq xott ta' 3 – 5 m<sup>3</sup>.
- 5) Għandha titwettaq validazzjoni bijoloġika mill-utent tal-prodotti bijoċidali għal kull installazzjoni li se tintuża għad-dizinfekzjoni biċ-ċpar (jew f'installazzjoni "standard" adatta f'faċilità, jekk applikabbli) bl-apparati li jridu jintużaw għall-proċess ta' dizinfekzjoni, li warajha jista' jitwettaq protokoll għad-dizinfekzjoni f'dawn l-installazzjonijiet li jibqa' jintuża wara.

#### **4.3.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### **4.3.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jipproteġu l-ambjent**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### **4.3.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

#### **4.3.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu

### **5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu**

## 5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

Għat-tagħbija tal-prodott:

Il-prodott jista' jiġi trasferit/mgħobbi biss b'pompi awtomatiċi.

## 5.2. Miżuri ta 'mitigazzjoni ta' riskju

Għat-tagħbija tal-prodott:

1) Użu ta' protezzjoni għall-għajnejn konsistenti mal-istandard Ewropew EN ISO16321 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġjar tal-prodott. Ara taqsima 6 għat-titolu sħiħ tal-istandard EN.

Għall-applikazzjoni tal-prodott:

1) L-applikazzjoni tal-prodott hija permessa biss f'sistemi ta' diżinfekzjoni magħluqin, u ssiġillati kontra l-ħruġ tal-arja. Il-ħaddiema m'għandhomx ikunu preżenti waqt il-proċess ta' diżinfekzjoni. Ebda ħaddiem mhux permess fil-kompartiment tad-diżinfekzjoni waqt l-applikazzjoni.

2) Id-diżinfekzjoni għandha tinbeda biss minn barra l-kompartiment tad-diżinfekzjoni sabiex jiġi evitat il-kuntatt mad-diżinfettant.

3) Il-kompartiment għandu jibqa' siġillat ermetikament waqt id-diżinfekzjoni u d-dħul mill-ġdid għandu jiġi evitat. Għandu jkun hemm indikazzjoni li hemm proċess ta' diżinfekzjoni għaddej.

4) Wara l-applikazzjoni, il-kompartiment għandu jiġi vventilat kompletament permezz ta' sistema ta' ventilazzjoni teknika.

5) Id-dħul mill-ġdid huwa permess biss meta l-prodott ikollu l-uċuħ kollha xotti u l-konċentrazzjonijiet fl-arja ta' aċidu peraċetiku u perossidu tal-idroġenu jkunu waqgħu taħt il-valuri ta' referenza rispettivi (AECs) tagħhom. Sabiex tiġi żgurata ventilazzjoni suffiċjenti, jew għandha tintuża sistema ta' diżinfekzjoni b'sensors li jindikaw meta l-konċentrazzjonijiet rilevanti jkunu waqgħu taħt il-valuri ta' referenza, jew id-durata meħtieġa tal-ventilazzjoni teknika għandha tiġi stabbilita permezz ta' kejl b'taġħmir tal-kejl xieraq għal kull installazzjoni teknika u wara kull kambjament fil-kundizzjonijiet tal-konfini rilevanti.

Għat-tiswija jew manutenzjoni tal-pompi tad-dożaġġ:

1) Qabel ma titwettaq tiswija jew manutenzjoni tal-pompi, ir-residwi eżistenti tal-prodott għandhom jitneħħew l-aktar bit-tlaħlil tal-pompi.

### 5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

#### L-ewwel għajnuna

- 1) JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Jekk tara sintomi, ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.
- 2) JEKK JINBELA': Laħlaħ il-ħalq. Agħti xi ħaġa tax-xorb, jekk il-persuna esposta tista' tibra'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.
- 3) JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda bl-ilma. Jekk tara sintomi, ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.
- 4) JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal 5 minuti. Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

#### Ambjent:

- 5) Evita r-rilaxx dirett tal-prodott mhux dilwit fl-ambjent u s-sistema tad-drenaġġ.
- 6) Tixrid ta' kwantitajiet kbar: għatti l-likwidu b'materjal assorbenti. Ikkontjeni u iġbor għar-rimi.

### 5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu



- 1) Residwi tal-prodott bijoċidali għandhom jintremew skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Katalgu ta' Skart Ewropew (EWC) kif ukoll ir-regolamenti nazzjonali u reġjonali.
- 2) Tiżvojtahx fid-drejn.
- 3) Armi l-kontenut u l-kontenitur f'punt tal-ġbir tal-iskart awtorizzat.
- 4) Ħalli l-prodotti bijoċidali fil-kontenituri oriġinali. Tħallatx ma' skart ieħor.
- 5) Meta jkunu vojta kompletament, il-kontenituri jistgħu jiġu riċiklati.

#### **5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

- 1) Ħajja fuq l-ixkaffa: 12-il xahar.
- 2) Ipproteġi mill-ġlata.
- 3) Aħżen f'temperaturi taħt 30°C.

#### **6. Informazzjoni oħra**

1) Jekk jogħġbok innota l-valur ta' referenza tal-UE ta' 0,5 mg/m<sup>3</sup> għas-sustanza attiva aċidu peraċetiku (Numru CAS: 79-21-0) li ntuża għall-valutazzjoni tar-riskju għal dan il-prodott.

2) Jekk jogħġbok innota l-valur ta' referenza tal-UE ta' 1,25 mg/m<sup>3</sup> għas-sustanza ta' tħassib perossidu tal-idroġenu (Numru CAS: 7722-84-1) li ntuża għall-valutazzjoni tar-riskju għal dan il-prodott.

3) Jekk jogħġbok innota l-valur ta' referenza tal-UE ta' 17,9 mg/m<sup>3</sup> għas-sustanza ta' tħassib propan-2-ol (Numru CAS: 67-63-0) li ntuża għall-valutazzjoni tar-riskju għal dan il-prodott.

4) Għall-orjentazzjoni: umdità relattiva kif ittestjata fl-EN 17272 adattat għall-effikaċja: 33 - 53 %.

It-titoli sħaħ tal-istandards EN li ssir referenza għalihom f'din it-taqsimi u fit-taqsimiet 5.2 'Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju' u 5.4 'Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu' huma:

EN 17272 - Diżinfettanti u antisettivi kimiċi - Metodi ta' dizinfazzjoni tal-arja tal-kamra bi proċess awtomatizzat - Determinazzjoni ta' attivitajiet kontra batterji, mikobatterji, spori, fungi, ħmejjer, viruses u fagoċidi.

EN ISO16321 - Protezzjoni għall-għajnejn u għall-wiċċ għall-użu okkupazzjonali

Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).